Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAS-SITTIN LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 15 ta' Gunju 2011 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 6.35pm |

**KULHADD KIEN PEZENTI U FIL-HIN.**

**Prezenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | NORBERT PACE |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Stefan Cordina, Sindku.**

Is-Sur Cordina ppropona li peress li l-Avukat Matthew Brincat kien ghadu ma giex jaqilqu Item 2 fuq l-Agenda ma Item 1. Kulhadd qabel.

### 1. HATRA TA' VICI-SINDKU

Is-Sur Cordina qal li s-Segretarju Ezekuttiv bghatet e-mail lid-Dipartiment sabiex tingab ruling fuq dak li ssuggewwa mir-rizenja tas-Sur Norbert Pace ghall-hatra ta' Vici-Sindku. Hu qara rrisposta li ntbaghtet mill-Avukat tad-Dipartiment Angele Vella. Is-Sur Bonnici qal wara l-qari tal-parti koncernata li pero' l-partit in kwestjoni m'ghandux il-maggoranza assoluta minhabba li issa qeghdin erbgha bi tlieta apparti li l-ligi tghid li trid issir votazzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li dik il-parti tal-ligi giet revokata hekk kif spjegat u qrat fl-e-mail mibghuta mis-Sur Silvio Frendo.

Is-Sur Bonnici ghalhekk saqsa jekk dan japplikax ghall-issa jew ghall-elezzjoni ta' qabel?

Hawnhekk is-Sur Mark Spiteri qal li peress li sar jaf li s-Sur Bonnici wkoll hu nteressat hu talab lis-Segretarju Ezekuttiv biex igib ruling minghand id-Dipartiment u ghalhekk hu spjega kif il-paragrafu 31(2) ma jezistix u li kif skond dak li ghadu kif qara s-Sur Cordina jigi in line ghall-hatra dak il-Kunsillier li jkun gab l-iktar ammont ta' voti fl-ahhar elezzjoni cioe' dik tat-2007 wara l-Vici-Sindku ta' qabel u li bi default and right suppost ikun hu il-Vici Sindku.

Is-Sur Pace qal li hu wkoll iccekkja mad-Dipartiment u l-maggoranza xorta ghadha f'idejn il-Partit Nazzjonalista kemm issa, ghax qeghdin wiehed AD, wiehed Olaburista, u tnejn Indipendenti, kif ukoll kif kienet ga qabel ir-rizenja tieghu mill-Partit Nazzjonalista w'ghaldaqstant dak li hemm fil-ligi hu dak li qed jigi mplimentat.

Is-Sur Cordina ghalhekk qal li l-Vici-Sindku l-gdid hu s-Sur Mark Anthony Spiteri. Kulhadd ferahlu.

Is-Sur Pace qal li ghandu biss zewg affarijiet xi jzid li fl-ahhar laqgha il-mozzjoni ma kelliex tinqara u li ma jaqbilx mal-hatra tal-Vici Sindku l-gdid. Hu skuza ruhu mill-laqgha u halla l-kamra.

**2. GURAMENT TAL-HATRA TAS-SINDKU U VICI-SINDKU**

Peress li l-Avukat gie fil-hin ezatt x'hin spicca l-ewwel item tal-Agenda u peress li l-karti kollha konnessi mal-hatra ta' Vici-Sindku kienu lesti wkoll, hadu l-gurament tal-hatra kemm is-Sindku l-gdid kif ukoll il-Vic-Sindku. Ghalhekk wara li s-Sur Stefan Cordina u s-Sur Mark Anthony Spiteri ffirmaw l-accettazzjoni tal-karigi, hadu l-gurament, biesu s-salib u gew mahtura ufficcjalment Sindku u Vici-Sindku rispettivament. Kulhadd ferhilhom.

**3. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-6.35pm ghas-27 ta' Gunju 2011.

| ______________________ | ____________________ |
|---|---|
| Sindku | Data |